**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Salvatore Falco**

**Illum 29 ta' Novembru 2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Salvatore Falco, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Taljana numru AV4651029.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar it-28 ta' Novembru 2016 ghal habta ta'l-erbgha ta' fil-ghodu fi Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe tabella taz-Zebra Crossing, litter bin u hgiega ta' telephone box ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan u/jew il-Gvern ta' Malta u/jew il-kumpanija Go plc u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema hsara ma tkunx tiskorri l-elfejn u hames mitt Ewro (€2,500), izda hija izjed minn mitejn u hamsin Ewro (€250).

Akkuzat ukoll talli f'l-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'post pubbliku jew post accessibbli ghall-pubbliku kien jinsab fi stat ta' sakra.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti mill-prozekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu ma'l-ufficjal investigattiv, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll l-fatt li l-imputat huwa dispost li jhallas kumpens ghad-danni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(b) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputat biex fi zmien jumejn ihallas s-somma ta' elf sitt mija hamsa u hamsin Euro u tlettin centezmu (€1,655.30) lill-parte leza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**